**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 13 ta'April 2021;**

**Rikors nru: 78/2021 AGV ;**

**ABC**

**Vs**

**DE**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' ABC,** datat 26 ta' Frar 2021 fejn esponiet bir-rispett u kkonfermat ;

1. Illi l-esponenti ABC u l-intimat DE izzewgu fil-Monte Kristo Vaults, Hal-Luqa fil- 21 ta' Settembru 2013 u z-zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku, bin-numru, 1680/2013 (Ara. Dok A);

2. Illi minn daz-zwieg ma kellhomx tfal;
3. Illi l-partijiet ilhom jghixu mifrudin ghal izjed minn erba’ snin u ssparaw legalment b’ atti tan-nutar Dr Ritianne Bugeja Fenech datat 9 ta’ Ottubru 2020 (Dok B);
4. Illi l-esponenti u zewgha DE huma finanzjarjament indipendenti minn xulxin u ghandhom il-mezzi biex jipprovdu ghalihom innfushom, ghalhekk hadd minnhom ma jippretendi hlas ta’ manteniment minghand l-iehor, la ghaz-zmien li ghadda u lanqas ghall-futur. Effetivament bil-kuntratt ta’ separazzjoni, il-partijiet irrinunzjaw ghd-dritt li jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin, klawsola 8.
5. Illi m’ hemmx ebda prospett ghal rikoncilazzjoni.
6. Illi ghalhekk jezistu l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghad-divorzju bejn il-parijiet ai termini tal-artikolu 66 B tal-Kodici Civili.

**Ghaldaqstant l-epsonenti titlon bir-rispett lil dil-Qorti sabiex;**

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet reistrat bl-Att taz-zwieg 1680/2013;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex huwa jirregistra l-istess.

Deher il-konvenut li ddikjara li ma ghandux ogegzzjoni ghat-talba tad-divorzju. U ghalhekk il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**